# IL-VERU IŻRAEL
# (Danjel 12:1)

> "*F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm żmien ta' diqa, li bħalha qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien; u f'dak iż-żmien jinħeles il-poplu tiegħek, kull min jinsab miktub fil-ktieb*" (Danjel 12:1).

Matul il-ktieb ta' Danjel insibu konflitt wara konflitt. Dak li ġara f'Babel l-antika huwa bħala eżempju ta' dak li għandu jiġri lill-poplu ta' Alla fiż-żmien tat-tmiem. L-aħbar it-tajba tal-ktieb ta' Danjel hija li Alla fl-aħħar se jirbaħ dan il-konflitt.

In-nies ta' Alla jistgħu jkunu mhedda, mitfugħin fil-ħabs, jew saħansitra maqtula. Imma fl-aħħarnett huma jkunu meħlusa. Din hija assigurazzjoni tal-għaġeb! Din hija aħbar tajba u glorjuża għall-poplu ta' Alla!

## IL-JUM TAL-ĦELSIEN

1. *Xi tliet ħwejjeġ jiġru dwar il-poplu ta' Alla "fiż-żmien tat-tmiem"*?

**Tweġiba: Danjel 12:1**,

> "*F'dak iż-żmien* ***iqum Mikiel****, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm* ***żmien ta' diqa****, li bħalha qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien: u f'dak iż-zmien* ***jinħeles il-poplu tiegħek****, kull min jinsab miktub fil-ktieb*."

**a.** F'dak iż-żmien **iqum** Mikiel

**b.** Ikun hemm żmien **ta' diqa**.

**c.** U f'dak iż-żmien jinħeles il-poplu **tiegħek**.

**INNOTA**:

Dan il-messaġġ ta' assigurazzjoni kien indirizzat lil Danjel. Il-poplu tiegħu jkun il-poplu Lhudi, billi Danjel kien Lhudi. Ifisser dan li nies Lhud biss ikunu meħlusa fil-konflitt finali?

Qiegħed Danjel jitkellem dwar l-Iżraelin li kienu qegħdin jgħixu fil-Lvant Nofsani, fi New York, jew xi mkien ieħor? It-terminu "Iżrael" (il-poplu ta' Danjel), għal min japplika fl-aħħar jiem?

Sabiex nifhmu t-tifsira kollha ta' din il-profezija, aħna neħtieġu li neżaminaw bil-għaqal it-terminu "Iżrael" kif dan jidher matul l-Iskrittura. Fl-istudju tagħna aħna nsibu li t-terminu "Iżrael" jibdel it-tifsira tiegħu jiddependi fuq min huma n-nies jew il-poplu ta' Alla f'dak iż-żmien partikulari. It-terminu "Iżrael" huwa isem tal-patt għall-poplu ta' Alla.

## IŻRAEL FIT-TESTMENT IL-QADIM

2. *X'żewġ ħwejjeġ wiegħed Alla lil Abraham meta Hu sejjaħlu barra mill-art ta' Ur?*

**Tweġiba**: **Ġenesi 13:14-16,**

> "*U l-Mulej qal lil Abram, wara li Lot infired minnu: Arfa' għajnejk issa, u ħares, minn fejn int, len it-tramunatana, u lejn nofsinhar, u lejn il-lvant, u lejn il-punent: Għax* ***l-art kollha*** *li qiegħed tara, nagħtihielek,* ***u lil nislek għal dejjem****. U lil nislek nagħmel bħat-trab ta' l-art; jekk wieħed jista' jgħodd it-trab ta' l-art, lil nislek ukoll jista' jgħoddu.*"

**a.** L-art kollha
**b.** U lil nislu għal dejjem

3. *Min huwa "n-nisel ta' Abraham*"

**Tweġiba: Galatin 3:16,**

> "*Issa 'l Abraham u lil nislu saru l-wegħdi. Ma jgħidxL U lill-nislijiet, bħallikieku kienu ħafna; imma għal wieħed: U lil nislek, li hu* ***Kristu****.*"

a. Kristu

4. *X'inhi "l-art imwiegħda lil Abraham*"

**Tweġiba: Lhud 11:10, 16,**

> *"Għax kien jistenna belt li għandha s-sisien, li l-bennej u l-imgħallem tagħha hu Alla… Imma issa jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri wieħed* ***tas-sema****; għalhekk Alla ma jistħix jissejjaħ Alla tagħhom: għax hejjielhom belt.*"

a. Imma issa jixtiequ pajjiż aħjar— jiġifieri, wieħed **tas-sema**.

**INNOTA:**

Il-wegħdi magħmula lil Abraham dwar l-art u n-nisel kienu wegħdi speċjali ħafna. Dan ma rriferixxix SEMPLIĊIMENT li jkollu ħafna dixxendenti u li jirtu l-art ta' Kangħan. Dawn il-wegħdi kienu wkoll wegħdi **spiritwali** li tkun jkun l-antenat tal-Messija u li jiret is-saltna tas-sema. Billi dawn kienu wegħdi spiritwali mogħtija lill-persuna spiritwali, mhux id-dixxendenti kollha ta' Abraham irċevew il-wegħdi.

a. Iżakk irċevihom, imma Ismagħel ma rċevihomx.
b. Ġakobb irċevihom imma Għesaw ma rċevihomx.
c. Billi kienu barkiet spiritwali, dawn setgħu jinagħtaw biss lill-poplu spiritwali.

5. *X'kellu jkun l-isem il-Ġdid ta' Ġakobb wara li hu ssara ma' l-anġlu*? –.

**Tweġiba: Ġenesi 32:27-28,**

> "*U qallu: X'jismek? U qal: Ġakobb. U qallu dak ir-raġel: Int ma jibqax jismek aktar Ġakobb, iżda* ***Iżrael****: għax int issarajt ma' Alla u man-nies, u għel*ibt."

a. Iżrael.

**INNOTA:**

Dan huwa l-ewwel darba li l-isem "Iżrael" jidher fil-Bibbja. Dan ifisser, "wieħed li żamm ma' Alla – wieħed li jegħleb." Dan huwa terminu *spiritwali* applikat għall-persuna *spiritwali* li kienet daħlet f'relazzjoni ma' Alla b'patt. Kif għadda ż-żmien, l-isem "Iżrael" sar l-isem għall-poplu ta' Alla tal-patt li kienu prinċipalment id-dixxendenti etniċi ta' Abraham fit-

Testment il-Qadim. Għalhekk, in-nies li ħarġu mill-Eġittu taħt Mosè kienu msejħa Iżraelin meta huma daħlu fil-patt ma' Alla fil-Muntanja Sinaj u saru l-poplu tal-patt. Taħt David u Salamun, huma saru nazzjon qawwi. Sakemm huma kienu fidili lejn Alla, it-terminu "Iżrael" applika għalihom. Wara, iżda, l-għaxar tribujiet tat-tramuntana nfirdu mis-saltna magħquda u ħadu l-isem "Iżrael," imma huma ma baqgħux fidili lejn Alla. Alla, imbagħad, isejħilhom żienja (Ġeremija 2:20; 3:1; Eżekjel 23:5) għaliex huma kienu jipprofessaw li huma Iżraelin imma ma kinux. Is-saltna tan-nofs in-nhar ħadet l-isem ta' "Ġuda," u sakemm huma kienu fidili, huma wkoll, kienu jistgħu jkunu msejħa Iżraelin. Kif sejrin naraw aktar ċar fit-Testment il-Ġdid, it-terminu "Iżrael" jirriferi għan-nies fidili tal-patt ta' Alla, dawk kollha u kull fejn huma jistgħu jkunu.

*6. Semmi żewġ individwi li ma kinux ulied Abraham li saru Iżraelin u wkoll antenati tan-nisel imwiegħed, Ġesù?* **Tweġiba: Ġożwè 6:25; Rut 4:13-22; Mattew 1:5,**

> "*U Ġożwè salva l-ħajja ta'* ***Raħab****, il-mara żienja, u l-familja ta' dar missierha, u kulma kellha; u baqgħet tgħammar f'Iżrael sa llum għax kienet ħbiet il-messaġġiera li Ġożwè bagħat jitkixxfu lil Ġeriko.*"
>
> "*U Bogħaż ħa lil* ***Rut****, u saret martu: resaq lejha, u l-Mulej taha li titqal, u wildet iben. U n-nies qalu lil Nagħomi: Imbierek il-Mulej, li ma ħalliekx illum bla qarib, biex ismu ikun magħruf f'Iżrael…*"
>
> "*U Salmon nissel lil Bogħaż minn* ***Raħab****; u Bogħaż nissel lil Għobed minn* ***Rut****; u Għobed nissel lil Ġessi.*"

a. Raħab
b. Rut

**INNOTA:**

Bogħaż kien dixxendent ta' Raħab. Hu żżewweġ lil Rut u

sar in-nannu ta' David. Dawn iż-żewġ nisa nobbli saru l-antenati ta' Ġesù u dehru fil-ġenealoġija tiegħu. B'hekk, kien possibbli fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim li wieħed isir Iżaelit ukoll għalkemm ma kienx imwieled Iżraelit.

## PROFEZIJA KONDIZZJONALI

1. *Jekk Alla jħabbar li nazzjon jew poplu jkun meqrud u huma jindmu: sejjer Alla jwettaq id-diżastru, jew jekk Alla jħabbar it-tajjeb dwar nazzjon u huma jirrifjutaw li jobduh, sejjer Alla jġib 'il quddiem it-tajjeb*?

**Tweġiba: Ġeremija 18:7-10,**

> "*Jekk xi darba nitkellem dwar ġens, u dwar saltna, biex naqla', inġarraf, u neqirdu; U jekk dak il-ġens, li jien inkun tkellimt kontra tiegħu, idur mill-ħażen tiegħu, **jien jisgħobbija mill-ħsara li nkun ħsibt li nagħmlilhom**. U jekk xi darba nitkellem dwar ġens, u dwar saltna, biex nibni u nħawwilha; u dak il-ġens jagħmel dak li hu ħażin f'għajnejja, billi ma jismax minn leħni, **jien jisgħobbija mill-ġid li nkun qtajt li nagħmillu***."

b. Le, mhuwiex.

**INNOTA:**

Hemm żewġ tipi ta' profezija fil-Bibbja:

a. Profeziji mogħtija b'digriet divin.
b. Profeziji li jinvolvu għażla umana.

Il-lista kbira ta' profeziji ta' Danjel u Rivelazzjoni li jagħtuna l-għarfien minn qabel ta' Alla dwar ġrajjiet umani mhumiex kondizzjonali. Iżda, il-profeziji li jinvolvu l-għażliet tal-bnedmin u ġnus bħal dawk mogħtija f'Ġeremija huma kondizzjonali fuq l-ubbidjenza tal-bniedem. Per eżempju: Meta Ġona ppriedka lin-nies ta' Ninwè, erbgħin jum oħra, u Ninwè tiġġarraf" (Ġona 3:4), Ninwe ma kinetx meqruda f'erbgħin jum. Kien Ġona profeta falz? Le. Il-kondizzjonijiet inbidlu. In-nies nidmu u Alla ma qeridx il-belt ta' Ninwè. Meta Alla bassar

futur glorjuż għan-nazzjon etniku ta' Iżrael, dan kien jiġri *li kieku n-nazzjon ta' Iżrael baqa' leali lejn Alla*. Billi huma *ma baqgħux leali lejn Alla*, il-futur imbassar glorjuż qatt ma ġara għaliex profezija bħal din dejjem hija kondizzjonali fuq l-għażla tal-bniedem biex jobdi r-rieda ta' Alla.

2. *X'bassar Alla li kellu jiġri lil Iżrael jekk huma jkunu diżubbidjenti u taħt liema kondizzjonijiet huma jkunu jistgħu jmorru lura fl-art tagħhom*?

**Tweġiba: Dewteronomju 4:27-30,**

> "*U **jxerridhom** il-Mulej fost il-ġnus, u jibqa' minnkom għad żgħir fost il-ġnus, fejn il-Mulej isuqkom. U hemm taqdu allat, li jkunu xogħol idejn il-bniedem, ta' l-injam u tal-ġebel, li la jaraw, la jisimgħu, la jieklu, u lanqas ixommu. **Iżda jekk minn hemm tfittex** il-Mulej, Alla tiegħek, int issibu, jekk tfittxu b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha. Fid-dwejjaq tiegħek, meta jiġrulek dawn il-ħwejjeġ kollha, imqar fl-aħħar jiem, dur lejn il-Mulej, Alla tiegħek, u **isma' minn leħnu**.*"

a. Ixerridhom
b. Jekk ifittxu il-Mulej
c. U jisimgħu minn leħnu.

**INNOTA**:

Kien hemm kondizzjonijiet għar-ritorn tagħhom mill-jasar. Kien biss jekk huma kienu se jfittxu l-Mulej u jkunu ubbidjenti Lejh li huma qatt kienu jistgħu jmorru lura f'arthom. B'riżultat ta' l-apostasija tagħhom l-Iżraelin kienu meħuda fil-jasar ta' Babel. Danjel għex f'dan iż-żmien u kien jaf li kienu d-dnubiet tal-poplu tiegħu li kienu kkawżaw dan il-għawġ terribbli li kellu jiġi.

3. *Ġeremija bassar il-jasar ta' Babel. Jagħti wkoll Ġeremija tbassira dwar ir-ritorn tagħhom għal l-art tal-Palestina*?

**Tweġiba: Ġeremija 30:3, 11,**

> “*Għax, ara, għad jiġu l-jiem, igħid il-Mulej, li nraġġa’ lura mill-jasar il-poplu tiegħi Iżrael u Ġuda, igħid il-Mulej: u* ***nreġġagħhom lura*** *lejn l-art li tajt lil missirjiethom, u huma jeħduha…Għax jien miegħek, igħid il-Mulej, biex insalvak: għalkemm jien intemm għalkollox il-ġnus kollha fejn xerridtek, jien ma ntemmx għalkollox lilek, iżda nwiddbek kif jixraqlek, u ma nħallikx għalkollox bla kastig.*”

**INNOTA**:

Ġeremija mhux biss ra minn qabel is-sebgħin sena ta’ jasar f’Babel, imma bassar ukoll li miġemgħa kbira ta’ Lhud jerġgħu lura għal l-art tal-Palestina meta l-jasar jispiċċa (ara Ġeremija 31:8-9). Huwa interessanti li tinnota li xi wħud jużaw dawn it-testi ħażin fejn jgħidu li dawn jirriferu għar-ritorn tal-Lhud fil-Palestina fl-1948 fejn attwalment dawn huma biss ittbassir tar-ritorn tagħhom mill-jasar ta’ Babel. Dawn il-profeziji *kondizzjonali* m’għandhom x’jaqsmu xejn mat-twaqqif tan-nazzjon ta’ Iżrael fl-1948.

4. *Meta l-Lhud irritornaw mill-jasar ta’ Babel, kemm tahom żmien Alla*?

**Tweġiba: Danjel 9:24,**

> “*Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex ikun miżmum il-ħażen, u biex jintemmu d-dnubiet, biex titħallas il-ħtija, u biex tiġi s-sewwa ta’ dejjem, u tkun issiġillata d-dehra u l-profezija, u jindehen il-post l-aktar qaddis*.”

a. “**Sebgħin** ġimgħa.”

**INNOTA:**

Dawn is-sebgħin ġimgħa jirriferu għal 490 sena li l-Lhud kienu mogħtija biex jirranġaw l-affarijiet bħala l-poplu tal-patt. Meta Alla ħalla lil-Lhud biex imorru lura mill-jasar ta’ Babel,

Hu tahom din l-aħħar opportunità ta' 490 sena. Fit-tmiem tagħha, huma rriġettaw il-Messija, sallbuh, u bdew persekuzzjoni sistematika tad-dixxipli Tiegħu billi ħaġġru lil Stiefnu. In-nazzjon li darba kien id-depożitu onorat tal-verità ta' Alla qatel lil l-Iben ta' Alla. Għalhekk, it-terminu spiritwali "Iżrael," ma kienx jista' jkun applikat aktar għalihom. Huma ma kinux aktar "dawk li jgħelbu." Imma ħafna nies li jipprofessaw li jimxu fuq il-Bibbja dan għad ma jistgħux jarawh u għadhom iħarsu 'l quddiem għal Iżrael etniku!

## IL-MESSAĠĠ TA' ĠESÙ LIL IŻRAEL

1. *Is-siġra tat-tin kienet simbolu tan-nazzjon ta' Iżrael. X'qal Ġesù li kien se jiġri lis-siġra tat-tin jekk din ma tagħtix frott?*

**Tweġiba: Luqa 13:6-9,**

> "*Imnbagħad qal ukoll dil-parabbola: Wieħed raġel kellu siġra tat-tin imħawla fil-għalqa tad-dwieli tiegħu; u ġie u fittex il-frott fuqha, u ma sab xejn. Imbagħad qal lill-ħaddiema tal-għalqa tad-dwieli tiegħu: Ara, dawn it-tliet snin ilni niġi nfittex il-frott fuq din is-siġra tat-tin, u ma sibtx: aqtagħha; għalfejn qiegħda tħassar l-art? Wieġeb u qallu" Mgħallem, ħalliha dis-sena wkoll, sakemm nagħżaq madwarha, u nagħtiha d-demel. U jekk tagħmel il-frott, tajjeb: u jekk le, imbagħad wara aqtagħha.*"

a. "**wara** aqtagħha"

2. *Għaliex Ġesù ma kienx jista' jiġbor lil Iżrael Miegħu Nnifsu u x'kellu jiġri jekk huma jirrifjutaw li jkunu miġbura għand Ġesù?*

**Tweġiba: Luqa 13:34-35,**

> "*Ja Ġerusalem, Ġerusalem, li toqtol il-profeti, u tħaġġar lil dawk li jinbagħtulek; kemm-il darba ridt niġma' lil uliedek flimkien, bħalma tiġieġa tiġma' l-flieles tagħha taħt ġwinħajha,* ***u int ma ridx****! Ara,*

*darkom tibqagħlkom* ***ħerba****: u tassew ngħidilkom: Ma tarawnix, sama jasal il-waqt li tgħidu: Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.*"

a. "Darkom tibqagħlkom **ħerba**."

**INNOTA:** Il-preżenza ta' Alla tkun imneħħija u Iżrael ma jkollux aktar il-privileġġ li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla.

3. *X'kien se jiġri mill-privileġġ ta' Iżrael etniku li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla*?

**Tweġiba: Mattew 21:43-45,**

"*Għalhekk ngħidilkom: Is-saltna ta' Alla* ***tittieħed*** *minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha. U kull min jaqa' fuq dil-ġebla jitkisser: iżda fuq kull min taqa', titħnu trab. U x'ħin il-qassisin il-kbar u l-Fariżej semgħu l-parabboli tiegħu, għarfu li tkellem* ***fuqhom****.*"

a. Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandhom

**INNOTA**: Din hija tħabbira ta' l-għaġeb! Il-privileġġ li kienu l-poplu magħżul ta' Alla kien se jittieħed mil-Lhud u jkun mogħti lil xi ħadd ieħor li jipproduċi l-frott.

## IŻRAEL TAT-TESTMENT IL-ĠDID

1. *Skond l-appostlu Pawlu, min huwa Lhudi tassew wara s-salib*?

**Tweġiba: Rumani 2:28-29,**

"*Għax mhux min* ***jidher minn barra****, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem:* ***Iżda*** *hu Lhudi, dak li hu wieħed* ***minn ġewwa****; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-Ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta' Alla.*"

a. Dak li hu wieħed **minn ġewwa**.

**INNOTA:**

L-appostlu Pawlu jagħmilha ċara ħafna li wara s-salib il-

veru Lhudi *mhuwiex* aktar il-Lhudi etniku, "iżda," jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pawlu, il-veru Lhudi hu wieħed li aċċetta lil Ġesù bħala l-Messija. Pawlu jindika ċar li t-terminu "Iżrael," huwa terminu *spiritwali* għall-poplu *spiritwali*.

2. *Min huma l-veru ulied ta' Alla fit-Testment il-Ġdid? L-ulied skond il-ġisem jew l-ulied skond il-wegħda?*
**Tweġiba**: **Rumani 9:6-9,**

> "*Mhux bħallikieku l-kelma ta' Alla sfat fix-xejn. Għax mhumiex kollha Iżraelin, dawk kollha li huma Iżraelin: Lanqas, għax huma nisel Abraham, huma kollha wlied Abraham; iżda: minn Iżakk jissemma nislek. Jiġifieri, dawk li huma wlied il-ġisem, dawn* ***mhumiex*** *ulied Alla; imma* ***wlied il-wegħda huma*** *magħdudin bħala nisel. Għax din hi l-kelma tal-wegħda: Bħal daż-żmien niġi, u Sara jkollha tifel.*"

a. Ulied il-wegħda.

3. *Kif, mela, jista' biss Lhudi etniku jsir Lhudi spiritwali, skond it-Testment il-Ġdid?*
**Tweġiba: Rumani 11:14, 15, 19-21, 23**

> "*Jekk b'xi mezz nista' nqajjem il-għira ta' dawk li huma demmi, u* ***nsalva*** *x'uħud minnhom. Għax jekk ir-rimi tagħhom sar ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja, x'ikun id-dħul tagħhom, ħlief ħajja mill-mewt?...Għid mela: Inqatgħu l-friegħi, biex nitlaqqam jien. Tajjeb; minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu, u int bqajt iżżomm bil-fidi. La titkabbarx, imma ibża': għax jekk Alla ma ħelishiex lill-friegħi naturali, lanqas jeħlisha lilek.,...U dawk ukoll,* ***jekk ma jibqgħux ma jemmnux****, ikunu mlaqqmin: għax Alla jista' jlaqqamhom mill-ġdid.*"

a. Billi ma jibqax ma jemminx.

**INNOTA:**

L-uniku mod li Lhudi etniku jista' jsir Iżraeli veru wara s-salib huwa billi jaċċetta lil Ġesù bħala l-Messija u jsir wieħed li jemmen. It-Testment il-Ġdid huwa ċar ħafna dwar li t-terminu "Iżrael" ma jirriferrixxix aktar għal nazzjon etniku. Dan jirriferi għall-poplu *spiritwali* li kienu aċċettaw lil Ġesù bħala l-Mulej u s-Salvatur tagħhom. Għalhekk jgħid l-Ispirtu s-Santu, "**U hekk** Iżrael kollu jkun salvat…" (Rumani 11:26). "U hekk," b'dan il-mod. B'liema mod? Billi jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija u s-salvatur tagħhom (Rumani 10). "U hekk," b'dan il-mod.

a. B'liema mod?
b. Billi jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija u s-salvatur tagħhom (Rumani 10).
**c.** Ma hemm *ebda* tama oħra li l-Lhud xi darba jistgħu jsalvaw b'xi mod ieħor kif jippruvaw jgħallmu xi wħud!

4. *Għad hemm xi diviżjoni bejn il-Lhud u dawk li mhumiex Lhud fit-Testment il-Ġdid*?

**Tweġiba: Efesin 2:14, 16, 19-22.**

> "*Għax hu s-sliem tagħna,* ***u t-tnejn għamilna wieħed****, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna;…U biex iħabbibkom* ***it-tnejn f'ġisem wieħed*** *ma' Alla* ***bis-salib****, wara li jkun qered bih il-mibegħda….Issa mela m'għadkomx aktar barranin u għorba, imma nies ta' l-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla, mibnijin fuq il-pedamenti ta' l-appostli u tal-profeti, b'Ġesù Kristu nnifsu bħala l-ġebla tax-xewka; li fih il-bini kollu mgħaqqad tajjeb flimkien jikber f'tempju mqaddes fil-Mulej: li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-agħmara ta' Alla permezz ta' l-Ispirtu.*"

a. "It-tnejn għamilna ġisem wieħed."

b. “Bis-salib.”

**INNOTA:**

Ma għadx hemm aktar **żewġ** gruppi separati, Lhud u Ġentili. L-appostlu Pawlu jafferma li dawk kollha li jemmnu, inkwantu l-oriġini etniku tagħhom, huma issa parti mill-ġisem—il-knisja ta’ Kristu. Skond l-appostlu Pawlu, dan il-ġisem **wieħed** (Efesin 4:4), *issa* huwa *l-Iżrael il-ġdid*.

5. *Jekk persuna tkun ta’ Ġesù, xi jsejħilha Pawlu*?

**Tweġiba: Galatin 3:28-29,**

> “*Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles; mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù. U jekk intom ta’ Kristu, intom mela* ***nisel*** *Abraham, u* ***werrieta*** *skond il-wegħda*.”

a. Nisel Abraham.
b. Werrieta skond il-wegħda.

**INNOTA:**

Hawn l-appostlu Pawlu jgħid bil-qawwa verità kbira: Jekk inti ta Kristu, int nisel Abraham. Nisel Abraham kien imsejjaħ *Iżrael*. *Għalhekk, il-Kristjani fidili kollha huma l-veru Iżraelin*. Pawlu jkompli jgħid li dan *l-Iżrael il-ġdid*, il-knisja li hija l-ġisem ta’ Kristjani, huwa l-werriet skond il-wegħda magħmula lil Abraham. Għalhekk, il-wegħdiet kollha tat-Testment il-Qadim magħmula lil Iżrael u li jsibu t-twettiq tagħhom wara s-salib huma mwettqa *f’Iżrael il-ġdid* li ġie fl-eżistenza—il-Knisja ta’ Kristu. Kull riferenza, mela, għal Iżrael fit-tmiem taż-żmien għandha tirriferi mhux għan-nazzjon ta’ Lhud etniċi, imma għal *l-Iżrael il-ġdid* miġjub fl-eżistenza permezz tas-salib—il-knisja ta’ Kristu. Li tapplika xi profezija fil-Bibbja għan-nazzjon etniku ta’ Iżrael fil-Lvant Nofsani llum huwa li tiċħad għal kollox it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid fuq in-nazzjon ta’ Iżrael u b’hekk iġġib il-Kelma ta’ Alla fix-xejn!

## L-IŻRAEL FINALI

1. *Il-144,000 jintqal li għandhom ikunu ssiġillati u lesti għal Ġesù biex jiġi. Min fejn jiġu l-144,000?*

**Tweġiba: Rivelazzjoni 7:4,**

> "*U smajt il-għadd ta' dawk li kienu immarkati: u kien hemm immarkati mija erbgħa u erbgħin elf mit-tribujiet kollha ta'* ***wlied Iżrael****.*"

a. Mit-tribujiet **kollha**.

**INNOTA:**

Billi din hija riferenza għal l-aħħar jiem, il-144,000 magħmula mit-tribujiet ta' Iżrael *għandha tirriferi għal Lhud spiritwali u mhux għal Lhud etniċi*. Jintqal li dawn kienu "mit-tribujiet **kollha** ta' wlied Iżrael." Imma t-tribujiet ta' Dan u ta' Efrajm mhumiex imsemmija f'versi 5 sa 8! Imma jintqal li dawn għandhom ikunu mit-tribujiet kollha ta' Iżrael u ċertament li Dan u Efrajm huma tribujiet ta' Iżrael! Għalhekk dan huwa prova ċara li l-144,000 huma **l-Iżrael spiritwali**.

2. *Wara min jimxu l-144,00?*

**Tweġiba: Rivelazzjoni 14:4,**

> "*Dawn huma dawk li ma tniġġsux man-nisa; għax huma verġni. Dawn huma dawk li jimxu* ***wara l-Ħaruf*** *kull fejn imur. Dawn kienu mixtrija minn fost il-bnedmin, billi kienu l-ewwel frott għal Alla u l-Ħaruf.*"

a. Wara l-Ħaruf.

**INNOTA:**

"Il-Ħaruf" jirriferi għal Ġesù l-Messija (Ġwanni 1:29). Il-144,000 jimxu wara Ġesù. Ovvjament, dawn mhumiex Lhud etniċi, *imma huma Kristjani*.

3. *Xi ġrajjiet qegħdin jiġru fuq l-art meta l-144,000 huma ssiġillati?*

**Tweġiba: Rivelazzjoni 7:1-4,**

> *"U wara dawn il-ħwejjeġ rajt erba' anġli weqfin fuq l-erba' rkejjen ta' l-art, iżomu l-erbat irjieħ ta' l-art, biex ma jonfoħx ir-riħ la fuq l-art, la fuq il-baħar, lanqas fuq l-ebda siġra. U rajt anġlu ieħor tiela' mil-lvant, li kellu s-siġill ta' Alla l-ħaj: u għajjat b'leħen qawwi lill-erba' anġli, li lilhom kien mogħti li jagħmlu ħasara lill-art u lill-baħar. Billi qal: La tagħmlux* ***ħsara*** *lill-art, u la lill-baħar, u lanqas lis-siġar, sakemm nimmarkaw il-qaddejja ta' Alla tagħna fuq ġbinhom. U smajt il-għadd ta' dawk li kienu immarkati: u kien hemm immarkati mija erbgħa u erbgħin elf mit-tribujiet kollha ta' wlied Iżrael."*

a. La tagħmlux **ħsara**.

**INNOTA:**

Iż-żmien finali ta' nkwiet kien se jibda. Imma qabel ma dan jiġi Alla jissiġilla l-Iżrael finali Tiegħu. Imbagħad fit-tmiem Hu jeħlishom.

4. *Xi jgħid Danjel li hu meħlus fiż-żmien finali ta' nkwiet, jew diqa?*

**Tweġiba: Danjel 12:1,**

> *"F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm żmien ta' diqa, li bħalha qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien: u f'dak iż-żmien* ***jinħeles*** *il-poplu tiegħek, kull min jinsab miktub fil-ktieb."*

a. Il-poplu ta' tiegħu.
b. Kull min jinsab miktub fil-ktieb.

**INNOTA:**

Danjel jindika li huwa l-poplu tiegħu li se jkun meħlus fit-tmiem taż-żmien. Ġwanni jgħidilna li huma l-144,000 li sejrin

jinħelsu. B'żieda għal 144,000, Ġwanni ra folla kbira li ebda bniedem ma kien jista' jgħoddha (Rivelazzjoni 7:9). Ovvjament, li mill-billjuni kollha tad-dinja, aktar minn 144,000 sejrin ikunu salvati. Il-poplu ta' Danjel u l-144,000 huma *l-istess, huma l-knisja kollha ta' Kristu.*

5. *Xi jfittex li jagħmel id-dragun lill-bqija tal-poplu ta' Alla*?

**Tweġiba: Rivelazzjoni 12:17,**

> "*U tgħaddab id-dragun għall-mara, u telaq biex jagħmel* ***gwerra*** *mal-bqija ta' nisilha, dawk li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla, u għandhom ix-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"

a. Gwerra.

**INNOTA:**

Rivelazzjoni 12:17 jiddeskrivi l-battalja finali li tfittex biex teqred il-bqija tal-poplu ta' Alla li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla u l-fidi f'Ġesù Kristu. Hija l-battalja finali mbassra f'Danjel, kapitli 11-12. Hija l-aħħar attentat ta' Satana biex jirbaħ lil Iżrael ta' Alla.

## KONKLUŻJONI

Ħalli nagħmlu reviżjoni ta' bosta punti li aħna tgħallimna f'dan l-istudju: It-terminu "Iżrael" huwa terminu *spiritwali* li jirriferi għall-poplu spiritwali, għall-knisja ta' Kristu. It-terminu "Iżrael" oriġinarjament irrifera għad-dixxendenti etniċi ta' Abraham fit-Testment il-Qadim. Madankollu, ukoll f'dak iż-żmien, dawk li ma kinux Lhud kienu jistgħu jsiru Iżraelin jekk huma kienu jaċċettaw lil Alla tas-sema. Il-profeziji kollha li jinvolvu l-għażliet tal-bnedmin u tal-ġnus huma kondizzjonali, għalhekk il-profeziji tal-futur glorjuż ta' Iżrael kienu kondizzjonali fuq l-ubbidjenza. Billi huma ma kinux ubbidjenti, it-tbassir mhuwiex imwettaq permezz ta' Iżrael etniku imma huwa, minflok, imwettaq permezz ta' l-Iżrael il-ġdid *spiritwali*. Ġesù wissa li l-privileġġ li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla, l-Iżrael ta' Alla, ikun meħud mil-Lhud u mogħti lill-poplu ieħor li

jagħti l-frott. L-appostlu Pawlu jivverifika din l-entità ġdida li ġiet fl-eżistenza. Hu jiddikjara din l-entità li hija l-knisja ta' Kristu, il-ġisem wieħed. Wara s-Salib it-terminu "Iżrael" jirriferi *biss* għal dawk in-nies jew poplu li aċċettaw lil Ġesù Kristu bħala l-Messija.

It-terminu "Iżrael" illum jirriferi għall-poplu finali ta' Alla li qegħdin jippreparaw biex jiltaqgħu ma' Ġesù meta jiġi, u mhux għal nazzjon fil-Lvant Nofsani! Il-battalja ta' Danjel 11:45 ma tirriferrixxix għall-battalja fil-Lvant Nofsani, imma għal l-attentat finali ta' Satana biex jeqred il-poplu ta' Alla imfisser f'Rivelazzjoni 12:7.

## IŻRAEL SKOND IL-ĠISEM U IŻRAEL SPIRITWALI

Huwa faċli li wieħed jasal għall-konklużjoni t-tajba kemm-il darba huwa jħalli l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha mingħajr ebda ndħil barrani mill-ħafna għalliema foloz moderni. Il-ħsa-ra li qed issir u li qed tikkawża t-telfien ta' ħafna nies sinċiera hija kbira ħafna. Dawn in-nies qegħdin jaċċettaw dak it-tagħ-lim falz u b'hekk qegħdin iwarrbu l-Kelma ta' Alla bi prife-renza għall-kelma ta' l-għalliema foloz. Ħalli nkomplu naraw xi Skritturi u nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jiggwidana biex nifh-mu sewwa dak li jrid igħid dwar dan is-suġġett.

Kif diġa rajna aktar qabel, Iżrael skond il-ġisem huwa *tip* ta' Iżrael Spiritwali, il-knisja.

**Rivelazzjoni 7:3**,

> "*U qalilhom: "Tagħmlulhomx ħsara lil l-art u lill-baħar, anqas lis-siġar, qabel ma nkunu stampajna s-siġill fuq il-**ġbin tal-qaddejja ta' Alla** tagħna.*"

**Rivelazzjoni 1:1**,

> "*Ir-Rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, li tahielu Alla biex igħarraf **lill-qaddejja tiegħu** b'dak li għandu jiġri ma jdumx. Alla bagħat lil anġlu tiegħu jfissirha lill-**qaddej tiegħu Ġwanni**.*"

Minn dan naraw b'mod l-aktar ċar li dawk li huma msejħa "qaddejja" fiż-żewġ kapitli, jiġifieri, Rivelazzjoni kapitli wie-ħed u seba', huma **l-istess** nies, il-Kristjani. Meta Alla ried li jispeċifika *min kien* il-qaddej Hu semma isem, "*lill-qaddej tiegħu **Ġwanni**.*" Nittama li kulħadd jaqbel ma' dan. Dan qiegħed igħidu l-Ispirtu s-Santu Nnifsu permezz ta' l-appostlu Ġwanni. Jekk aħna nħalltu mal-Kelma ta' Alla xi tagħlim ieħor tal-bnedmin, allura ikun hemm diversi

opinjonijiet. Imma dan aħna ma naċċettawhomx!
**Rivelazzjoni 7:4**,

> "*Imbagħad smajt x'kien il-għadd ta' l-issiġillati: mija u erbgħa u erbgħin elf issiġillati,* ***minn kull tribù*** *ta' wlied Iżrael.*"

Tajjeb hawn li nerġa' nfakkar li hawn mhux it-tribujiet kollha huma msemmija, eżempju, it-tribujiet ta' Dan u ta' Efrajm mhumiex imsemmija għalkemm jintqal "minn kull tribù ta' wlied Iżrael! Imma xorta qiegħed jgħid sewwa u dawn wkoll huma nklużi jekk nieħdu n-numru ta' 144,000 bħala **simboliku** u li qiegħed jirriferi għall-knisja kollha ta' Kristu! Imma ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpretalna dan fejn naqraw **f'Rivelazzjoni 21:15-16**,

> "*Dak li kien qiegħed ikellimni kellu qasba tal-qjies, tad-deheb, biex jieħu l-qisien tal-belt u tal-bibien u l-ħajt tagħha, belt kwadra, tul wisa' wieħed. U ħa l-qjies tal-belt bil-qasba, tul* ***ta' tnax-il elf stadju****: tul u wisa' u għoli fiha l-istess. U ħa wkoll il-qjies tal-ħajt tagħha:* ***mija u erbgħa u erbgħin*** *(144,000) driegħ b'qjies tal-bniedem, jew ta' anġlu.*"

Hawn għandna *l-istess simboliżmu* li għandna f'Rivelazzjoni 7:4-8. Żgur li ħadd ma jsostni li l-qisien tal-belt li huma msemmija huma **letterali** u mhux **figurattivi**! Żgur li lkoll naqblu, mingħajr ebda diffikultà, li l-anġli huma spirti u ma jistax ikun li l-qjies huwa meħud skond id-driegħ tagħhom, *f'sens letterali*! Il-144,000 tat-tnax-il tribù ta' Iżrael **jissimbolizzaw** lil **Iżrael spiritwali**, il-Knisja ta' Kristu fuq l-art. Imma ħalli nerġgħu nħallu l-Iskrittura tinterpreta dan għalina:

**Ġakbu 1:1,**

> "*Ġakbu, qaddej ta' Alla u ta' Sidna Ġesù Kristu,* ***lit-tnax-il tribù*** *mxerrda mad-dinja: sliem.*"

Min kienu "*t-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja*"? Dawn huma l-

knisja ta' Kristu, l-*Iżrael spiritwali*! Il-kelma *diaspora* (imxerrda) nsibuha hawn u fl-**1 Pietru 1:1** –

> "*Lil dawk li qegħdin jgħixu mxerrda bħala pellegrini f'Pontu, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitinja*"

Hawn din għandha riferenza għall-**Iżrael spiritwali**, il-knisja tal-Mulej, il-Kristjani kollha. Dan huwa muri ċar bl-istqarrijiet li nsibu f'din l-ittra li jeħtieġu sfond ta' nies li mhumiex Lhud, bħal, per eżempju:

**1 Pietru 1:14**,

> "*Bħala wlied ubbidjenti, tgħixux skond il-ġibdiet ta' qabel, meta kontu għadkom tgħixu fl-injoranza tagħkom.*"

**1 Pietru 2:10**,

> "*Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu.*"

**1 Pietru 4:3-4**,

> "*Biżżejjed li fl-imgħoddi kontu tagħmlu r-rieda tal-pagani u tgħixu ħajja żienja f'passjoni bla lġiem, f'sokor, fi tbahrid sfrenat, f'xorb żejjed u fl-idolatrija moqżieża ta' l-allat. Issa li ma għadkomx titħalltu magħhom f'dan il-ġenn ta' żina jistgħaġbu bikom u jistkerrhukom.*"

Dawn is-siltiet juru ċar li l-appostlu kiteb *lill-Kristjani*, kemm *Lhud* u kemm *pagani*, mingħajr ma qies l-isfond reliġjuż jew razzjali tagħhom, bħala li jiffurmaw il-ġisem jew il-knisja li fiha, kif jgħidilna l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pawlu f'Kolossin 3:11,

> "***Ma hemmx Grieg jew Lhudi***, *ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, ilsir jew ħieles,*

*iżda f'kollox Kristu u f'kulħadd.*"

Il-frażi "**lit-tnax-il tribù**" hija figurattiva, u għalhekk tħaddan fiha d-dixxipli kollha ta' Kristu huma mil-liema razza fiżika jew etnika huma. "**Ma hemmx**" jgħid l-Ispirtu s-Santu, imma l-għalliema u l-profeti foloz moderni jgħidulna li "hemm" għaliex huma jinterpretaw b'mod l-aktar żbaljat Rumani 11:26 bħala li l-poplu Lhud kollu se jkun salvat u b'hekk jagħmlu lil Alla "jħares lejn l-uċuħ" u jwaqqa' Kliemu stess meta qal li "**ma hemmx Grieg jew Lhudi**." Imma l-konklużjoni tista' tkun waħda biss: Jew "ma hemmx" jew "hemm"! *Alla jgħid* "ma hemmx" imma *intom tgħidu* li hemm (Mattew 15:4, 5). Imma biex jenfasizza l-fatt *li ma' Alla ma hemm ebda ħarsien lejn l-uċuħ* l-Ispirtu s-Santu jgħidilna dan b'mod l-aktar ċar u f'bosta skritturi:

**Luqa 20:21**

> "*Dawk staqsewh u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti tgħid u tgħallem is-sewwa* ***bla ma tħares lejn wiċċ ħadd****, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi.*"

Ċertament li kienu jkunu żbaljati li kieku kienu jemmnu li fl-aħħar meta jerġa' jiġi kien se jħares lejn l-uċuħ billi jsalva lilhom (lil-Lhud biss) u mhux lill-Ġentili wkoll?

**Rumani 2:9-11**

> "*Tbatija u dwejjaq għal* ***kull*** *ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-****Lhud*** *u mbagħad* ***Griegi****; glorja u ġieh u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel* ***Lhudi****, u mbagħad għall-****Grieg****. Għax Alla* ***ma jħarisx lejn l-uċuħ****.*"

"Tbatija u dwejjaq għal **kull ruħ ta' bniedem**..." Taħseb int li l-frażi "**kull** ruħ ta' bniedem" tapplika biss għal-Lhud u għall-Ġentili tal-lum? Taħseb int li din ma tapplikax ukoll għal-Lhud

li jkunu għadhom ħajjin meta Kristu jerġa' jiġi? Temmen int li Alla se jikkastiga lil-Lhud tal-lum u tas-sekli kollha li għaddew u li għad iridu jiġu "bi tbatija u dwejjaq" qabel ma Kristu jerġa' jiġi u lil dawk il-Lhud li jkunu għadhom ħajjin meta Kristu jerġa' jiġi se jippremjahom bil-ħajja ta' dejjem? Jekk taħseb hekk, fit-tmiem ta' vers ħdax l-Ispirtu s-Santu jgħidlek li int żbaljat għal kollox għaliex "**Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ**." Ċertament li l-Ispirtu s-Santu kien jaf dwar dan it-tagħlim falz ta' Satana li qiegħed ikun mgħallem illum u għalhekk din l-enfasi kollha dwar li "Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ" fil-Kelma Tiegħu!

**Galatin 2:6**

> "*Min-naħa tagħhom, il-mexxejja—kienu x'kienu, lili xejn ma jimpurtani;* ***Alla lejn wiċċ ħadd ma jħares****...*"

Skond il-profeti foloz Millenjalisti, iva, Alla jħares lejn l-uċuħ! Imma skond l-Ispirtu s-Santu, "Alla MA JĦARES LEJN WIĊĊ ĦADD."

**Efesin 6:9**

> "*U intom, is-sidien, agħmlu l-istess magħhom; ħallukom mit-tehid, għax tafu li s-Sid fis-smewwiet hu tagħhom bħalma hu tagħkom, u* ***hu ma jħares lejn wiċċ ħadd****.*"

**Kolossin 3:25**

> "*Kull min jagħmel id-deni jitħallas tad-deni li jkun għamel,* ***għax Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd****.*"

**1 Pietru 1:17**

> "*Jekk intom issejjħu Missier lil dak li,* ***bla ma jħares lejn l-uċuħ****, jagħmel minn* ***kulħadd*** *skond l-għemil ta' kull wieħed, għixu fil-*

*biża' ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu **f'art barranija**.*"

"Bla ma jħares lejn l-uċuħ, jagħmel minn **kulħadd** skond l-għemil ta' **kull wieħed**…" Alla ma jagħmel ebda distinzjoni bejn razza u oħra. **U għaliex Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd?** L-Ispirtu s-Santu jagħtina t-tweġiba t-tajba u mhux il-profeti u l-għalliema foloz moderni:

**Galatin 3:26-29**,

> "*Għax intom ulied Alla **lkoll kemm intom**, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu. **Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg**, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax **intom ILKOLL ĦAĠA WAĦDA fi Kristu Ġesù**. Imma jekk intom ta' Kristu**, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda**.*"

"**ISSA** ma hemmx **IŻJED** Lhudi u anqas Grieg….intom ilkoll **ĦAĠA WAĦDA** fi Kristu Ġesù" jgħidilna l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu. Temmnu dan int? Temmen li ISSA kemm jekk Lhudi etniku u kemm jekk le, ILKOLL HUMA ĦAĠA WAĦDA, ilkoll huma ġisem **wieħed**. Jew temmen int li meta jerġa' jiġi Kristu ma nibqgħux ILKOLL ĦAĠA WAĦDA u Alla jsir iħares lejn l-uċuħ? Jew temmen ukoll int li meta jerġa' jiġi Kristu l-ISSA u L-IŻJED jispiċċaw u jkun hemm Lhudi u Grieg? Tnisiex x'qal l-Ispirtu s-Santu fit-Tieni Pietru 1:20-21 li ħadd ma għandu jfisser jew jinterp-reta l-Kelma Tiegħu minn rasu. Il-Millenjalisti jagħmlu lil l-Ispirtu s-Santu jikkontradixxi Lilu Nnifsu bl-interpretazzjoni-jiet tagħhom. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna li:

> "*Ġesù Kristu hu dak li kien, **fl-imgħoddi, issa u għal dejjem**. Tħallux li toħorġu mit-triq b'xorta oħra ta' tagħlim barrani…*" (Lhud

13:8-9).

Eżempju ta' dan huwa kif il-Millenjlaisti jinterpretaw Rumani, kapitlu ħdax, sepċjalment vers 26, li jgħid:

> "*U hekk Iżrael kollu jkun salv…*"

Dan il-vers ma jgħidx li l-Lhud se jkunu salvi bħala poplu meta Kristu jerġa' jiġi imma għal kuntrarju jgħid li huma jkunu salvi "u ħekk," "dan il-mod," dak il-mod li nisbu f'kapi-tlu 10 u mhux bil-mod li jgħallmu l-profeti u l-għalliema foloz moderni! Iżrael skond il-ġisem illum m'għadux meqjus bħala l-poplu ta' Alla għaliex:

> "*Issa **ma hemmx** iżjed Lhudi u anqas Grieg …għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù*" (Galatin 3:28).

**Għaliex aħna lkoll ħaġa waħda?** It-tweġiba hija għaliex dak li qal Ġesù twettaq:
**Ġwanni 10:16** –

> "*Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u kun hemm **merħla waħda, ragħaj wieħed**.*"

Jekk xi ħadd ikollu xi dubju dwar dan, l-Ispirtu s-Santu jgħid ċar min hija **l-merħla waħda**,
**Efesin 4:3-6,**

> "*Ħabirku biex iżżommu Spirtu **wieħed** bir-rabta tas-sliem: **ġisem wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal **tama waħda;** Mulej wieħed, **fidi waħda**, magħmudija wa-ħda; Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.*"

**Alla Hu Missier ta' kulħadd** u għalhekk *ma jħares lejn wiċċ ħadd*. Alla, mhux bħalna, jagħmel il-preferenzi ma' min ikollu grazzja! Aħna, kemm Lhud u kemm Ġentili, **ilkoll** uliedu! Imma ħalli nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jerġa' jagħtina tweġiba

dwar min huwa l-Lhud tassew illum:
**Rumani 2:28-29**,

> "**Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi**, **laqnas** min għandu ġismu ċirkonċiż; **Il-Lhudi veru** hu dak li hu **Lhudi minn ġewwa**; iċ-ċirkonċiżjoni **vera hi dik tal-qalb**, opra ta' l-Ispirtu **u mhu**x tal-Liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħruh, imma Alla."

Jekk dan il-kliem mhuwiex biżżejjed biex juri kemm huwa falz it-tagħlim tal-Millenjalisti allura tassew dak li jemmen it-tagħlim falz ikun jinsab fil-agħma għal kollox. Hemm żewġ klassijiet ta' Lhud imsemmija hawn, il-Lhudi veru u l-Lhudi falz. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna li l-Lhudi veru hu dak li hu *Lhudi minn ġewwa*, il-Kristjan, l-istess dwar iċ-ċirkonċiżjoni li permezz tagħha Lhudi jkun Lhudi skond il-ġisem. Din issa spiċċat u "*ċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-qalb, opra ta' l-Ispirtu u mhux tal-Liġi*." Sejjer Alla jraġġa' lura dan il-kliem meta Kristu jerġa' jiġi? Sejjer Alla ma jibqax ifaħħar lill-bniedem bħal dan, il-Lhud veru u jfaħħar lil-Lhudi "li hu Lhudi minn barra"? Li tkun dixxendent ta' Abraham, il-missier tal-fidili, hu meqjus fuq il-bażi ta' l-**ubbidjenza** u mhux fuq il-**ġenealoġija: Rumani 4:9-12**, - Jitkellem dwar Abraham, l-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Pawlu, f'vers 12,

> "*Hu missier iċ-ċirkonċiżjoni* ***mhux biss għal-Lhud*** *ċirkonċiżi,* ***imma wkoll*** *għal dawk li jimxu fuq il-passi tal-fidi ta' missierna Abraham qabel ma kellu ċ-ċirkonċiżjoni*."

U biex ikompli jgħinna nifhmu dan, l-Ispirtu s-Santu jkompli jispjegalna li ġisem ma jiswa għal xejn:

> "Minħabba f'hekk aħna minn issa 'l quddiem ma *nagħarfu* ***lil ħadd skond il-ġisem****: iva, għalkemm għarafna lil Kristu skond il-ġisem, minn issa 'l quddiem ma nagħarfuhx iżjed hekk*." (2 Korintin 5:16).

Il-qies li bih l-appostlu Pawlu għaraf il-valur ta' bniedem kien ir-relazzjoni tiegħu għal Kristu u mhux jekk dan kienx dixxendent Lhudi jew le.

> "*Għalhekk jekk xi ħadd hu fi Kristu, hu ħolqien ġdid: il-qadim mar; ara, issa kollox sar ġdid*" (2 Korintin 5:17).

Ukoll, kif diġa rajna,

> "*Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu. **Mhemmx** la Lhudi u lanqas Grieg;..għax intom **ilkoll wieħed** fi Kristu Ġesù*" (Galatin 3:27-28).

U f'Rumani 9:8,

> "*Jiġifieri, Dawk li huma wlied il-ġisem, **dawn mhumiex** ulied Alla…*"

Li tkun Lhudi "**minn issa 'l quddiem ma nagħarfuhx iżjed hekk**" jiġifieri, skond il-ġisem. Dan jgħidu l-Ispirtu s-Santu. Imma l-profeti foloz jgħidulna, le, meta Kristu jerġa' jiġi, iva, hekk nagħrfuh lil-Lhudi! Aħna għandna għażla lil min sejrin nemmnu, lil l-Ispirtu s-Santu jew lill-Millenjalisti?

Biex ikompli jiftħilna għajnejna dwar dawn il-profeti u għalliema foloz, l-Ispirtu s-Santu jwissina biex naħarbu kwistjonijiet fiergħa u l-ġenealoġiji. Naqraw f'**Titu 3:9,**

> "*Aħrab il-kwistjonijiet fiergħa u **l-ġenealoġiji** u l-ġlied u t-tilwim fuq il-liġi. Dawn kollha huma bla fejda u vojta.*"

U fl-**1 Timotju 1:3-4**,

> "*Ibqa' f'Efesu, bħalma wissejtek jien u sejjer lejn il-Maċedonja, biex tordna lil xi wħud ħalli ma jgħallmux tagħlim ieħor, u anqas ma jiġru wara ħrejjef u **ġenealoġiji** li ma jispiċċaw qatt**, ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ bil-fidi**.*"

Għaliex għandna nevitaw u nwarrbu l-ġenealoġiji: Għaliex "*Minn issa 'l quddiem ma nagħarfu* ***lil ħadd*** *skond il-ġisem*" (2 Korintin 5:16). Għaliex issa "*ma hemmx Lhudi u lanqas Grieg*" (Galatin 3:27-28). Għaliex "*mhux min jidher minn barra hu Lhudi…iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa…*" (Rumani 2:28-29). Għaliex "*dawk li huma wlied il-ġisem, dawn* ***mhumiex*** *ulied Alla*" (Rumani 9:8). Għaliex isiru wlied Alla, "*dawk li twieldu,* ***mhux mid-demm****, u lanqas mir-rieda* ***tal-ġisem****, u lanqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla*" (Ġwanni 1:12-13). Għaliex "*il-ġisem* ***ma jiswa xejn***" (Ġwanni 6:63). Għaliex issa "*hemm ġisem* ***wieħed***" biss, dak spiritwali, il-knisja ta' Kristu (Efesin 4:3). Qiegħed tara kif l-Ispirtu s-Santu jinterpreta Lilu Nnifsu b'mod l-aktar ċar? Qiegħed tara kemm ikun sempliċi li wieħed jifhem il-Kelma ta' Alla meta jwarrab it-tagħlim falz tal-bnedmin u jħalli lil l-Ispirtu s-Santu jinterpretaha Hu!

L-appostlu ispirat jgħidilna li dawk huma "*ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ bil-fidi.*" (1 Timotju 1:4).

Kif il-pjan ta' Alla jseħħ bil-fidi? It-tweġiba jagħtihilna l-Ispirtu s-Santu:

**Rumani 10:17**

> "*Il-fidi tiġi mis-smigħ, u smigħ permezz tal-kelma ta' Alla.*"

**Kolossin 2:11-12,**

> "*Fih intom kontu ċirkonċiżi, mhux biċ-ċirkonċiżjoni b'idejn il-bnedmin, imma biċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu, li biha intom inżajtu mill-ġisem tad-dnub; indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu* ***permezz tal-fidi tagħkom*** *fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*" (ara wkoll **Galatin 3:28-29**).

"*U hekk Iżrael kollu jkun salvat*" (Rumani 11:26). Billi jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jaċċettawha, u b'hekk jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija. Billi jsiru ħaġa waħda ma' Kristu fix-

xebħ tal-mewt Tiegħu, hekk ukoll ikunu fix-xebħ tal-qawmien tiegħu. (Rumani 6:4-5). Ma hemm ebda mod ieħor li l-Lhud jistgħu jsalvaw ħlief b'dan il-mod! "U hekk," b'dan il-mod.

## IL-VERU IŻRAEL TA' ALLA LLUM HUWA L-KNIJSA TA' KRISTU

Permezz ta' Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna f'Rumani 9:6-8,

> "*Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fix-xejn;* ***għax mhux dawk kollha li huma mnissla minn Iżrael huma Iżraelin. Mhux dawk*** *kollha li huma min-nisel ta' Abraham huma wliedu għax il-wegħda kienet din: "Minn Iżakk jissejjaħ in-nisel tiegħek." Dan ifisser,* ***mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla,*** *imma l-imwielda bis-saħħa tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abraham.*"

Ħalli l-Iskrittura tinterpretalna din is-silta. Kif persuna ssir iben jew bint ta' Alla, kemm jekk din hija **Lhudija jew paga-na**? Kif diġa rajna aktar qabel, u kif għamilna biex ikollna l-interpretazzjoni t-tajba, għal darb'oħra, ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tgħdilina hi:

**Ġwanni 1:12-13,**

> "*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, LI TWIELDU MHUX MID-DEMM, ANQAS MILL-ĠIBDA TAL-ĠISEM, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.*"

**Galatin 3:26-27,**

> "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu.*"

**Galatin 3:7,**

> "*Kunu afu mela, li dawk li jgħixu fil-fidi,* ***dawk huma wlied Abraham.***"

**2 Korintin 5:7**,

> "*Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni.*"

**Galatin 6:16,**

> "*U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena, u wkoll fuq **Iżrael ta' Alla**.*"

Il-Kristjani veri huma l-**Iżrael ta' Alla**—kif huma f'distinzjoni minn **Iżrael skond il-ġisem** (Rumani 2:29; 4:12). Fi Kristu, id-drittijiet kollha mogħtija minħabba distinzjonijiet tal-ġisem, huma eliminati, u kulħadd hu **meqjus egwali** fil-privileġġ quddiem Alla.

**Filippin 3:3,**

> "*Għax dawk li **tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna, aħna** li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftakru fi Kristu Ġesù; aħna **li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem**.*" (kompli aqra versi 4-11).

**2 Korintin 5:16-17,**

> "*Għalhekk aħna **ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem**. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk. Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir Ħolqien ġdid; **il-qadim għadda u daħal il-ġdid**.*"

Mela, jekk il-Mulej mhuwiex qiegħed iqis din id-differenza, ċertament li aħna m'għandniex inqisuha!

**Rumani 10:12,**

> "***Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg;** hu Sid ta' **kulħadd** u għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

**Rumani 11:1,**

> *"Issa nistaqsi jien, "Forsi Alla ċaħad il-poplu tiegħu?' Żgur li le! Għax jien ukoll Iżraeli, min-nisel ta' Abraham, mit-tribù ta' Benjamin."*

L-appostlu, wara li wera li l-Lhud kienu rriġettaw lil Kristu u li Alla kien irriġettahom, jara l-konklużjoni milħuqa minnhom—li Alla kien warrabhom bħala nazzjon; għalhekk hu jistaqsi l-mistoqsija u jweġibha. Pawlu kien mill-aktar demm safi ta' l-Iżraelin. Kieku Alla warrabhom minħabba li huma kienu Iżraelin, Pawlu ma kienx ikun il-qaddej Tiegħu. Huma qaċċtu lilhom infushom għaliex irriġettaw lil wisq mistenni Messija. Alla ma warrabx lill-poplu Tiegħu li Hu kien għażel formalment. Imma li Hu kien irriġettahom bħala nazzjon huwa ndisputabbli.

Qabel il-miġja ta' Kristu, Iżrael kienu l-poplu ta' Alla minħabba d-dixxendenza tagħhom minn Abraham. Imma malli Kristu bagħat lil l-appostli Tiegħu b'kummissjoni mad-dinja kollha**, il-bażi ta' l-aċċettar inbidlet**. Fidi fi Kristu **weħidha** kienet tassigura favur. Mingħajr ma jkun ubbidjenti lejn Kristu, l-aktar Lhudi devot kien irriġettat. Bl-ubbidjenza, ħadd ma kien irriġettat. Alla irriġetta lin-nazzjon ta' Iżrael minħab-ba li huma ma obdewx lil Kristu. L-individwu, Alla żammu fil-favur Tiegħu minħabba l-ubbidjenza tiegħu lejn Kristu. Illum **kulħadd** hu salv bil-grazzja ta' Alla (Efesin 2:8-10). Li tkun Lhudi skond il-ġisem **ma jiswa xejn** kif jgħidilna l-Ispirtu s-Santu b'mod l-aktar ċar:

**Rumani 3:9,**

> *"Xi ngħidu mela? Aħna Lhud aħjar mill-oħrajn? **B'ebda mod. Ġa wrejna** li sew il-**Lhud** u sew il-**Grieg** huma **lkoll** taħt il-ħakma tad-dnub."*

"Ġa wrejna" qal l-Ispirtu s-Santu, "li sew il-Lhud u sew il-Griegi huma lkoll taħt il-ħakma tad-dnub." Imma għal xi wħud

dan ma jiswa xejn li l-Ispirtu s-Santu "ġa wera" għaliex għad-hom isostnu li hemm differenza bejn Lhudi u Grieg u meta Kristu jerġa' jiġi sejjer juri li hemm din id-differenza billi jsal-va lil-Lhud kollha! Temmnu dan int? Lest int li tgiddeb lil l-Ispirtu s-Santu? Tinsiex, lid-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx! Imma ħalli nkomplu naraw x'tgħid il-Kelma Tiegħu.

**Rumani 3:29,**

> "*Forsi Alla hu Alla **tal-Lhud biss**? Mhux tal-pagani wkoll? IVA, tal-pagani WKOLL.*"

**Rumani 3:30,**

> "*Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li jiġ-ġustifika permezz tal-fidi **l-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirk**onċiż.*"

**Rumani 3:21,**

> "*B'daqshekk qegħdin inġibu fix-xejn il-liġi permezz tal-fidi? Ma jkun qatt, imma **qegħ-din inwettqu l-liġi**.*"

**Ġwanni 10:16,**

> "*Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm **merħla waħda, ragħaj wieħed**.*"

**Efesin 4:3-6,**

> "*Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: **gisem wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa **għal tama waħda**; Mulej wieħed, fidi waħda; Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.*"

Mela, minn dan rajna, li dak li naqraw f'Rivelazzjoni 7:3 *dwar "il-qaddejja ta' Alla tagħna*" jirriferi **għall-Kristjani kollha**. "*It-tnax-il tribù*" jirriferi għall-Kristjani kollha, il-Knisja ta' Kristu. "*Il-mija u erbgħa u erbgħin elf*" ukoll jirriferu **għall-Kristjani kollha**, il-Knisja li hija l-ġisem ta' Kristu.

## KULL MIN

Qabel ma nibdew naraw dwar is-suġġett li dwaru sejrin nistħarrġu, tajjeb li naqraw xi versi mill-Vanġelu ta' Ġwanni, għaliex ħafna ftit li xejn jagħtu każ tat-tifsira ta' dawn is-siltiet. Hemm tliet ħwejjeġ importanti li wieħed jinnota lit-Tliet Persuni tat-Trinità għandhom sehem kbir fihom. Dawn huma: fidi, xhieda, u dottrina.

**FIDI: Ġwanni 14:26,**

> "*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi,* ***igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu*** *li għedtilkom.*"

**XHIEDA: Ġwanni 15:26,**

> "*Meta jiġi d-Difensur, li se nibagħtilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier,* ***huwa jixhed*** *għalija.*"

**DOTTRINA: Ġwanni 16:12-15,**

> "*Baqgħali ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. Meta* ***jiġi hu****, l-Ispirtu tal-verità,* ***iwassalkom għall-verità kollha****; għaliex* ***hu*** *ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni.* ***Hu*** *jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.*"

**Ġwanni 16:7,**

> "*Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-****Difensur*** *ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom.*"

**Ġwanni 16:8-11,**

> "***U meta huwa jiġi***, *juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju: id-dnub, filli huma ma jemmnux fija; il-ġustizzja, filli jien sejjer għand il-Missier, u intom mintomx se tarawni iżjed; il-ġudizzju, filli l-prinċep ta' din id-dinja huwa ġa ikkundannat.*"

L-Ispirtu s-Santu juri lid-dinja li "**għandha żball**" dwar tliet ħwejjeġ. (1) Dwar id-**dnub**–Dwar dan għandna muri f'Atti 2 meta l-Ispirtu ġie fil-jum ta' Pentekoste. (2) Dwar il-**ġustizzja** –permezz tal-missjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, il-midneb ikun magħmul ġust. (3) Dwar il-**ġudizzju** (jew ħaqq)–Ġudizzju li fih il-korla ta' Alla kontra d-dnub u l-premju tal-ġustizzja jkunu mogħtija.

"Il-prinċep ta' din id-dinja huwa **ġa ikkundannat**." Biex ikollna spjega aktar fid-dettall dwar it-tifsira ta' dan, tajjeb li naqraw it-**2 Timotju 1:9-10,**

> "*Din il-grazzja tahielna qabel iż-żmien ta' l-erternità fi Kristu Ġesù, imma ntweriet issa permezz tad-dehra tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu,* ***li qered il-mewt***, *u dawwal il-ħajja, il-ħajja bla tmiem permezz ta' l-Evanġelju.*"

Ara wkoll **1 Korintin 15:15-57**,

> "*…Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu*" (vers 57).

**2 Pietru 1:20-21,**

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*"

Issa ħalli naqraw **Ġwanni 17:4,**

> "***Jien igglorifikajt*** *lilek fuq l-art billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel.* ***U issa,*** *Missier, igglorifika lili* ***għandek, bil-glorja*** *li kelli miegħek* ***qabel*** *ma kienet id-dinja.*"

X'kienet il-glorja li Ġesù kellu qabel ma kienet id-dinja? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna permezz ta' l-appostlu Ġwanni u ta' l-appostlu Pawlu:

**Ġwanni 1:1,**

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Din kienet fil-bidu ma' Alla.*"

**Filippin 2:5-6,**

> "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm kien f'sura ta' Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla. Iżda xejjen lilu n-nifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin: u wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem: Biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkobba, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; U li* ***kull ilsien*** *jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier.*"

Dan hu dak li jfisser dak li aħna naqraw li Ġesù Kristu "**qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla**." Li Ġesù **issa** għandu l-glorja li kellu qabel u mhux, kif jippruvaw jgħallmu l-għalliema foloz li fuq l-id il-leminijia ta' Alla jfisser li Ġesù għadu mhux qiegħed fuq it-tron isaltna!

Għaliex jiena għedt fil-bidu li "ħafna, ftit li xejn jagħtu każ tat-tifsira tagħhom," jiġifieri, ta' **Ġwanni 16:7-13**. Ġesù qal:

> ***"…jaqblilkom li** jiena mmur: Jekk **ma mmurx,** id-Difensur ma jiġix għandkom.***"

Jekk il-qawwa kollha ta' dan il-kliem tkun magħrufa, fid-dawl ta' l-ispjega li Ġesù jagħti dwar l-iskop tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, ikun jidher ċar kemm hija falza l-enfasi li meta jerġa' jiġi Ġesù Kristu **Hu se jsalva** lil-Lhud li jkun hemm f'dak il-waqt **u jwaqqaf saltna** għal elf sena fuq l-art! Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu tikkonċerna **s-salvazzjoni**:

> "*U meta huwa jiġi, juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju.*"

Il-miġja viżibbli ta' Kristu **ma tkunx biex isalva** lill-bnedmin jew biex iwaqqaf xi saltna għal elf sena fuq l-art, imma tkun **biex jagħmel ħaqq u jsaltan għal l-eternità**. Għalhekk naqraw fit-**2 Korintin 5:16**,

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, **issa** ma nagħarfuhx aktar hekk.*"

Ix-xogħol Tiegħu Ġesù lestieh għal kollox **fuq l-art. Issa** huwa l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Kelma, li qiegħed jaħdem **għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha**. Naqraw f'**Galatin 5:18,**

> "*Jekk lilkom imexxikom **l-Ispirtu**, m'intomx taħt il-liġi.*"

Għalhekk id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx. Ġesù qal hekk dwar dan, **u dan qalu lil-Lhud**:

> "*Għalhekk ngħidilkom li d-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrulhom lill-bnedmin, imma dagħwa bl-Ispirtu s-Santu ma tinħafirx. U jekk xi ħadd jgħid xi ħaġa kontra Bin il-bniedem tinħafirlu; iżda min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jkollux maħfra, la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja*" (Mattew 12:31-32).

**"U jekk xi ħadd.**" Għalkemm f'dan il-waqt Ġesù kien qiegħed ikellem lil-Lhud, din il-"jekk xi ħadd" tapplika għall-ġnus kollha, kemm jekk Lhud u kemm jekk mhumiex! **"La f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja."** Dan kollu hu għaliex l-Ispirtu s-Santu kien mibgħut biex "*iwassal il-verità kollha*" għas-salvazzjoni ta' **kulħadd!** Kien żbaljat Ġesù meta qal: "**La f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja**"? Hawn hu muri b'mod l-aktar ċar li l-bnedmin **kollha** għandhom **jobdu** l-Evanġelu biex isalvaw.

Ħalli issa naraw min, skond il-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu, għandu l-obligu li jobdi l-Evanġelju biex b'hekk isalva. Il-frażi "*kull min*" tinsab bosta drabi fl-Iskrittura Mqaddsa, għalhekk tajjeb li wieħed jenfasizza fuq din il-frazi biex b'hekk naraw eżatt min u kif wieħed jista' jsalva. Hawn nixtieq niġbed l-attenzjoni għat-tagħlim falz fejn jintqal b'mod żbaljat li f'Rumani 11:26 is-salvazzjoni mhijiex individwali imma għal Iżrael kollha. Dan jintqal minħabba l-interpretazzjoni żbaljata tal-Millennjalisti fejn jgħidu li hemm jintqal li "Iżrael kollu jkun salvat." F'Luqa 24:47, Ġesù qal:

> "*U li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem.*"

Nistaqsi jien, fejn huma msemmija hawn l-individwi? Il-ġnus huma msemmija u mhux l-individwi hawn! Imma dwar dan jiena ċert li ħadd ma għandu xi diffikultà biex jifhem li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet huma mxandra lil kull persuna, lil kull individwu, u mhux lil xi nazzjon kollettiv biex ikun salvat! Hekk ukoll, kif diġa rajna aktar qabel, il-frażi "U hekk Iżrael kollu jkun salvat" tapplika għal l-individwu u mhux għal Iżrael bħala nazzjon etniku! Fi Ġwanni 3:16, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' Ġwanni:

> "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex KULL MIN jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.*"

Għal min tapplika l'KULL MIN hawn? Ċertament li tapplika

għal Lhud kollha, ukoll, u mhux għal dawk tal-lum biss imma għal dawk kollha li jibqgħu fuq l-art sa ma jiġi Kristu, sat-tmiem taż-żminijiet kollha! Eżempju ieħor huwa l-Priedka fuq il-Muntanja ta' Ġesù li naqraw dwarha f'Mattew 5. F'vers 1 naqraw hekk,

> "*U wara li ra l-folol kbar tan-nies tala' fuq muntanja: u xħin qagħad bil-qiegħda, id-dixxipli tiegħu resqu lejh: u fetaħ fommu, u għallimhom, hu u jgħidilhom:…*"

Wara dan insibu l-beatitudni li Ġesù ppriedka lill-folla. Jista' xi ħadd jgħid li dak li Ġesù ppriedka japplika biss għall-folla bħala grupp wieħed ta' nies jew għal kull individwu li kien qiegħed jisma' lil Mulej? Ċertament li dak kien japplika, u għadu japplika llum, għal kull individwu u mhux għal xi grupp ta' nies, jew għal xi nazzjon partikulari!

Ġesù qal, f'Mattew 7:24 u 26:

> "*Għalhekk, KULL MIN jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ingħid jien,…..Imma KULL MIN jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ingħid jien,….*"

Ma hemm **ebda** regola **oħra** fil-Kelma ta' Alla li biha xi ħadd jista' jsalva. Ir-regola hija: **tisma' u tagħmel** dak li tgħid il-kelma ta' Alla. **KULL MIN**. Din tapplika għall-bnedmin kollha. Ħalli nkomplu naraw it-tifsira tagħha mill-Kelma ta' Alla. **Kolossin 3:25**,

> "*KULL MIN jagħmel id-deni jitħallas tad-deni li jkun għamel, għax Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd.*"

Tapplika hawn il-KULL MIN għal kulħadd jew għal xi sezzjoni ta' nies biss? **Lil-Lhud**, l-Ispirtu s-Santu jgħidilhom f'**Lhud 5:9,**

> "*U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal KULL MIN jisma' minnu.*"

"**Għal KULL MIN**" ċertament li hawn tapplika għal-Lhud għaliex l-ittra hija indirizzata **lilhom**! Naqraw f'**Lhud 4:1-7,**

> "*Ħa nibżgħu mela, li, waqt li baqagħlna l-wegħda li nidħlu fil-mistrieħ tiegħu, ma jkunx hemm xi ħadd minnkom li jidhirlu li baqa' lura minnha.* ***Għax sew lilna kien imxandar l-evanġelju, kemm ukoll lilhom****; imma l-kelma mxandra ma switilhomx, billi ma kenitx imħallta mal-fidi f'dawk li semgħuha. Għax aħna li emminna nidħlu fil-mistrieħ, bħal ma qal: Hekk ħlift f'għadbi: Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi: għalkemm l-egħmejjel tiegħu kienu mitmuma sa mit-tisjis tad-dinja. Għax hu qal x'imkien hekk għas-seba' jum: U strieħ Alla fis-seba' jum mill-egħmejjel kollha tiegħu. U hawn ukoll mill-ġdid: Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi. Billi ra mela li kien baqa' li x'uħud jidħlu fih, u dawk li lilhom kien imxandar l-ewwel ma daħlux minħabba d-diżubbidjenza tagħhom: Mill-ġdid waqqat jum, billi qal b'David, wara żmien twil: Il-lum, bħal ma ntqal qabel, illum jekk tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom.*"

Ukoll l-Ispirtu s-Santu jgħid lil-Lhud li:

> "*Hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk* ***kiseb fidwa għal dejjem***" (Lhud 9:12).

Il-fidwa hija miksuba "**darba għal dejjem**" issa jiddependi minn "**KULL MIN**" minnhom jisma' Minnu.
X'sar Ġesù għal-Lhud u għal Ġentili? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna hekk:

> "*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh*" (Lhud 5:9).

"Salvazzjoni TA' DEJJEM." Ta' dejjem tfisser li ma hemmx mod ieħor. "Għal dawk kollha li jobduh." Din tfisser li jekk ma jkunx hemm ubbidjenza ma hemmx salvazzjoni u din is-salvazzjoni nkisbet permezz tal-fidwa li kiseb Ġesù **għal dejjem**. Meta Kristu jerġa'jiġi, nerġa' ntenni, Hu mhux se jiġi biex isalva lil xi ħadd imma biex jippremja u jikkastiga, kemm jekk Lhud u kemm jekk Ġentili. Aħna ma jinteressana xejn x'jaħsbu u x'jgħallmu l-Millennjalisti. Aħna naċċettaw biss dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu. Ukoll jgħidilhom lil-Lhud (u lilna):

> "*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din is-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh…*" (Lhud 2:3-4).

L-Ispirtu s-Santu jgħidilhom lil-Lhud:

> "*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjni hekk kbira?*"

Hu qiegħed jgħidilhom li ma hemmx triq oħra, ma hemm ebda mod ieħor li huma jistgħu jsalvaw. "U hekk," b'dan il-mod (Rumani 11:26) huma jistgħu jsalvaw billi joqgħodu għat-tagħlim ta' l-Evanġelju tal-grazzja. Imma kemm hu differenti t-tagħlim falz tal-profeti u l-għalliema foloz moderni. Huma jgħidulhom li jistgħu jeħilsuha għaliex meta jiġi Kristu, dawk li jkunu iffortunati għaliex ikunu għadhom ħajjin f'dak il-waqt, huma jsalvaw kollha f'daqqa waħda! Temmnu dan int? Dan qiegħed jgħid li l-Lhud li għexu qabel it-tieni miġja ta' Kristu kienu sfortunati u dawk li nzertaw jgħixu fil-miġja Tiegħu kienu iffortunati! Din hija dagħwa kbira għaliex lil Alla qegħdin iġibuh fil-livell tal-bnedmin. Għalhekk tajjeb li taqra għal darba darbtejn it-twissijiet li jagħtina l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma tiegħu (Efesin 5:6; Kolossin 2:8; 2 Tessalonikin 2:3; 1 Ġwanni 3:7).

**F'Rumani 10:10-13** ukoll għandna l-"KULL MIN."

> "*Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazz-*

> *joni. L-Iskrittura tgħid, 'KULL MIN jemmen fih ma jintilifx'. Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-sid ta' kulħadd u għani* ***ma' dawk kollha*** *li jsejħulu. Għax KULL MIN isejjaħ isem il-Mulej isalva.*"

L-Ispirtu s-Santu kiteb dan il-kliem biex juri kemm huwa falz it-tagħlim tal-profeti u l-għalliema foloz moderni. Hu jgħid li "KULL MIN jemmen fih ma jintilifx." Hu jgħid li "**ma hemmx għażla** bejn Lhudi u Grieg." Imbagħad ikompli jgħid li "Alla hu s-sid ta' kulħadd u għani ma' DAWK KOLLHA li jsejħulu." Imma biex ikun ċar għal kollox, l-Ispirtu s-Santu jagħlaq billi jgħid:

> "*Għax KULL MIN isejjaħ isem il-Mulej isalva.*"

Trid tkun tassew prużuntuż li tagħmel għażla u tgħid li l-Lhud se jkunu ippreferuti meta Kristu jerġa' jiġi u se jsalvahom bħala nazzjon meta l-Ispirtu s-Santu jgħid li "MA HEMMX GĦAŻLA"!

Illum aħna qegħdin ngħixu fiż-żmien tal-grazzja. Mhux se jkun hemm żmien ieħor wara dan li fih xi ħadd se jkollu l-opportunità li jsalva b'xi mezz ieħor. "*Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom*" għaliex ma hemmx ċans ieħor li wieħed jista' jsalva.

Eżempju ieħor insibuh f'**Atti 13:38-39** fejn l-appostlu Pawlu kien qiegħed igħallem fis-sinagoga kemm lil-Lhud u kemm lill-pagani. Hu qalilhom:

> "*Mela, ħuti, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù Kristu qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet; permezz tiegħu, KULL MIN jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu ma stajtux tkunu iġġustifikati bis-saħħa tal-Liġi ta' Mosè.*" (tajjeb li taqra l-kapitlu kollu).

Il-KULL MIN hawn tapplika għal-Lhud ukoll. Il-ġustifikazzjoni tiġi biss permezz tat-twemmin u xejn aktar! Eżempju ieħor

inisbuh f'**Atti 14:1-2**,

> "*Meta kienu Ikonju, daħlu wkoll fis-sinagoga tal-Lhud u tkellmu b'mod li kotra kbira ta' nies, sew Lhud u sew Griegi emmnu. Imma l-Lhud li ma laqgħux il-fidi xewxu l-Ġentili u għawewhom kontra l-aħwa.*"

Hawn għandna Lhud li emmnu u Lhud li ma emmnux. Il-mistoqsija hija din: Dawk il-Lhud li emmnu huma salvi? Ċertament lit-tweġiba hija "iva, huma salvi għaliex obdew l-Evanġelju ta' Kristu." Issa, dawk il-Lhud li ma emmnux huma mitlufa? Ċertament lit-tweġiba hija "iva, ukoll, għaliex Ġesù qal li "min ma jemminx ikun ikkundannat" (Mark 16:16). Allura, skond it-tagħlim falz tal-Millennjalisti, dawk il-Lhud li ma emmnux lil Pawlu kienu ikkundannati, u dawk il-Lhud li ma jkunux jemmnu meta Kristu jerġa' jiġi, dawn se jkunu ipprivileġġjati, għaliex se jkunu salvati kollha flimkien! Tinsiex li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd. Qiegħed tara f'liema pożizzjoni jġibu lil l-Alla l-Millennjalisti! (Aqra wkoll **Filippin 3:1-11**).
Fit-2 **Timotju 2:19**, naqraw,

> "*Imma l-pedament qawwi, li Alla qiegħed, iżomm sħiħ, u fuqu għandu dan is-siġill: "Il-Mulej jagħraf dawk li huma tiegħu", kif ukoll: Ħa jitwarrab mill-ħażen KULL MIN isejjaħ isem il-Mulej.*"

U f'**Lhud 3:7-19—4:1-13** naqraw hekk:

> "*Għalhekk, **kif igħid l-Ispirtu s-Santu**: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom…Ħuti, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj. Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kuljum—sakemm inkunu għadna nistgħu ngħidu "il-lum"—biex ħadd minnkom ma jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu. Għax aħna għandna sehem fi Kristu, jekk inżommu sħiħa sa l-*

*aħħar it-tama li kellna fil-bidu. Jingħad fl-Iskrittura: 'Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom… U għal min ħalef li ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħu, jekk mhux għal dawk li ma ridux jisimgħu.*"

Ċertament li dawk il-Lhud li ma semgħux, intilfu, u dawk il-Lhud li meta jerġa jiġi Kristu ma jkunux semugħ, dawn ukoll sejrin ikunu kkundannati u mhux salvati!

L-appostlu Pietru kien **jaħseb qabel** li Alla kien iħares lejn l-uċuħ l-istess kif għadhom jaħsbu u jgħallmu l-profeti u l-għalliema foloz moderni. Id-differenza, iżda, hija, li Pietru wara **fehem li kien żbaljat** u kien umli biżżejjed biex jaċċetta dak li qallu l-Mulej u dan jgħidulna l-Ispirtu s-Santu, fejn naqraw **f'Atti 10:34,**

"*Pietru qabad jitkellem u qal:* ***Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd****, imma jilqa' lil KULL MIN għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun.*"

Kemm huwa ċar dan il-kliem. Li kieku biss il-Millennjalisti jaqraw din is-silta u jagħmlu kif għamel l-appostlu Pietru billi jgħidu: "Issa tassew qegħdin nifhmu li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma jilqa' lil KULL MIN għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, IKUN MINN LIEMA POPLU JKUN." Dan japplika għal dejjem. Dan huwa l-uniku mod li l-Lhud jistgħu jsalvaw bih.

F'Lhud 9:22-28 naqraw,

"*U kważi kollox jissaffa bid-demm skond il-liġi; u bla tixrid ta' demm m'hemmx maħfra. Għalhekk mela kien meħtieġ li x-xbihat tal-ħwejjeġ tas-sema jissaffew b'dawn; iżda l-ħwejjeġ tas-sena nfushom b'sagrifiċċji aħjar minn dawn. Għax Kristu ma daħalx f'sant-warji maħdumin bl-idejn, li huma xbihat tal-veru; iżda fis-sema stess, biex jidher issa*

*għalina quddiem Alla: Mhux biex joffri lilu nnifsu bosta drabi, bħal ma jidħol il-qassis il-kbir, darba fis-sena fis-santwarju bid-demm ta' oħrajn: Għax kieku kien ikollu jbati ta' spiss mit-tisjis tad-dinja: iżda issa deher darba fl-aħħar taż-żminijiet biex iħassar id-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss,* ***iżda wara dan isir il-ġudizzju****: Hekk Kristu kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher għat-tieni darba, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh.*"

"Bla tixrid ta' demm ma hemmx maħfra" għalhekk l-uniku mod li l-Lhud jistgħu jsalvaw huwa billi jindifnu ma' Kristu bil-magħmudija għall-maħfra ta' dnubiethom (Atti 2:38; Rumani 6:3-5). U l-aktar silta li turi kemm huwa falz it-tagħlim li Iżrael etniku jkun savat bħala poplu hija Rivelazzjoni 22:17, fejn Ġwanni jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

"*U l-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: Ejja. U ħa jiġu min hu bil-għatx, U KULL MIN irid, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn.*"

Dan hu l-aħħar kliem u l-aħħar stedina għal KULL MIN u ċertament li hija għal-Lhud ukoll!

## KONKLUŻJONI

"*Imma qabel ma ġiet il-fidi, konna miżmumin taħt il-liġi, magħluqin għall-fidi li kellha tkun wara irrivelata. Hekk il-liġi kienet il-mexxejja tagħna biex teħodna għand Kristu, biex inkunu iġġustifikati bil-fidi. Imma wara li ġiet il-fidi, m'għadniex aktar taħt mexxej. Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi*

*Kristu lbistu ’l Kristu. Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles; mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù. U jekk intom ta’ Kristu, intom mela nisel Abraham, u werrieta skond il-wegħda. Issa jien ngħid: Li l-werriet, kemm idum tifel, ma jkun differenti xejn mill-qaddej, għalkemm hu sid ta’ kollox; imma hu taħt it-tuturi u l-prokuraturi saż-żmien imwaqqat mill-missier. Hekk aħna wkoll, meta konna għadna tfal, konna mjassrin taħt l-elementi tad-dinja: iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat ’l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi. U billi intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta’ Ibnu f’qalbkom, igħajjat: Abba, Missier. Għalhekk m’għadikx aktar qaddej, imma iben: u jekk iben, werriet ukoll ta’ Alla permezz ta’ Kristu.*” (Galatin 3:23—4:7).

Dan il-kliem jurina bl-aktar mod ċar li l-Lhud jistgħu jsalvaw biss permezz tal-magħmudija għaliex b’hekk biss jistgħu jilbsu ’l Kristu.